# IL-ĦAMES PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Superjuri)

**12 ta' Jannar, 1988**

**Imħallfin: –**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbblika ta' Malta

*versus*

Raymond Agius, Carmel *sive* Carol Xerri, u Raymond Pace

## Impronti Diġitali – Periti – Perizja *Ex Parte*

*Il-Qorti astjeniet milli tippronunzja ruħha dwar jekk kienx hemm xi rregolarità meta, allegatament, ittieħdu l-impronti diġitali ta' l-imputat meta dan kien qed jiġi interrogat mill-pulizija peress li quddiemha ma kellha ebda prova li waqt l-interrogazzjoni ttieħdu xi impronti diġitali.*

*Fis-sistema tagħna perizja, biex tkun ammissibbli, trid tkun ġudizzjarja, trid tkun ġiet ordnata u awtorizzata mill-Qorti, u l-perit jiġi maħtur mill-Qorti. Iżda l-liġi tista' tagħmel restrizzjonijiet fuq il-Qorti fil-għażla ta' l-espert.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' akkuża numru 20 ta' l-1985;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat Carmel *sive* Carol Xerri li biha eċċepixxa;

(1) Li l-perizji kollha li hemm riferenza għalihom fil-proċess kif ukoll id-dokumenti esibiti magħhom ma jikkostitwux prova kontra l-akkużat, peress li l-istess perizji saru mingħajr id-debita awtorizzazzjoni u nomina tal-Maġistrat Inkwirenti;

(2) Li l-istess perizji jikkostitwixxu perizji *ex parte,* peress li l-persuni li għamluhom jinsabu fl-impjieg tal-Korp tal-Pulizija, u konsegwentement m'għandhomx l-indipendenza meħtieġa biex ikunu periti tal-qrati, imqar jekk hemm moralment l-istess independenza u imparzjalità, m'hemmx il-garanzija meħtieġa biex il-proċess tal-ġustizzja jkun qed isir b'mod imparzjali; u

(3) Li ġiet segwita proċedura m'hix leġittima meta waqt l-interrogazzjoni l-akkużat kellu jagħti l-*'fingerprints'* tiegħu, liema *'fingerprints'* ma ngħatawx volontarjament u l-akkużat ma jistax jgħid liema użu sar mill-istess *'fingerprints';*

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-24 ta' Frar, 1987 li biha ddeċidiet billi astjeniet milli tieħu konjuzzjoni ta' l-ewwel parti ta' l-eċċezzjoni ta' l-akkużat Carmel *sive* Carol Xerri *stante* li din il-parti ġiet minnu rrinunzjata, u billi ċaħdet il-kumplament ta' l-istess eċċezzjoni ssollevata bin-nota ta' l-istess akkużat imsemmi;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Carmel *sive* Carol Xerri pprezentat quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Frar, 1987 li bih talab quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Frar, 1987 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tilqa' l-istess eċċezzjonijiet li ma ġewx rinunzjati u għalhekk għad hemm insistenza dwarhom da parti ta' l-akkużat;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni għal fini ta' dan l-appell;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li skond hu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qieset bl-ebda mod l-ordni li tagħmel il-liġi li meta jinstabu traċċi tar-reat dan għandu jiġi infurmat bih il-Maġistrat, u jagħmel proċess verbal, u kemm-il darba jkun sabhom uffiċjal tal-Pulizija dan għandu *jippreservahom* u wara jinforma l-Maġistrat. L-appellant fir-rigward issottometta li waqt li l-pulizija għandha dmir u dritt li tinvestiga, meta ssib it-traċċi ta' reat, tippreservahom u tgħajjat lill-Maġistrat biex jattesta bi proċess verbal dak li jkun hemm. F'dan il-każ isostni l-appellant ma kien hemm l-ebda intervent tal-Maġistrat, li skond l-artikolu 546 Kodiċi Kriminali għandu jissejjaħ meta jkun hemm *traċċi tar-reat*;

Fit-tieni lok l-appellant issottometta bħala aggravju li skond hu jidher ukoll li ġie interpretat ħażin dak li ntqal dwar il-*fingerprints*. Huwa ssottometta lil fid-Depot tal-Pulizija l-imputat ħadulu mhux biss il-*fingreprints* imma wkoll il-*footprints*. Dak li qalet l-Ewwel Qorti dwar il-*fingerprints* li ttieħdu fil-presenza

tal-Qorti tal-Maġistrati sar wara. Skond l-appellant, l-ewwel ma ttieħdu *fingerprints* kien fid-depot tal-Pulizija. Dan kien illegali, anke kieku kien hemm il-Kunsens ta' l-akkużat spiċċa jissottometti l-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra l-ewwel tibda bl-aħħar aggravju ta' l-appellant li fil-fatt jirreferi għat-tielet eċċezzjoni tiegħu li ġiet respinta mill-Ewwel Qorti;

Kif ġie spjegat fis-sentenza appellata, l-appellant eċċepixxa li ġiet segwita proċedura mhix leġittima meta waqt l-interrogazzjoni l-akkużat kellu jagħti "*fingerprints*" tiegħu, liema "*fingerprints*" ma ngħatawx volontarjament, u l-akkużat ma jistax jgħid liema użu sar mill-istess "*fingerprints*";

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni fuq żewġ konsiderazzjonijiet bażiċi u ċjoè:

1) Li l-fatti kollha asseriti mill-appellant fl-eċċezzjoni tiegħu ma ġewx ippruvati;

2) Li anzi dwar *fingerprints* mill-proċess jirriżulta li dawn ittieħdu regolarment fil-kors tal-kumpilazzjoni u fit-termini ta' l-artikolu 397(3) tal-Kap. 9 u konformament ukoll ma' l-Avviż Legali 38 ta' l-1960;

L-appellant issa f'dan l-istadju qed isostni erba' (4) aggravji fir-rigward u ċjoè:

1) Illi ġie interpretat ħażin dak li ntqal dwar il-*fingerprints;*

2) Fid-Depot tal-Pulizija l-imputat ħadulu mhux biss il-*fingerprints* imma wkoll il-*footprints;*

3) Dak li qalet il-Qorti dwar il-*fingerprints* li ttieħdu fil-presenza tal-Qorti sar wara. L-ewwel ma ttieħdu l-*fingerprints* kien id-Depot tal-Pulizija;

4) Dan kien illegali, anke kieku kien hemm il-kunsens ta' l-akkużat;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jiġi ssenjalat li l-eċċezzjoni ta' l-akkużat appellant kienet ristretta għall-*fingerprints* u ma kinitx issemmi jew tinkludi *footprints.* Inoltre fl-istess eċċezzjoni l-appellant sostna li l-*fingerprints* ma ngħatawx volontarjament;

Illi anke mill-aggravju ta' l-appell hu ovvju li l-appellant mhux qed jirreferi għal *fingerprints* li ttieħdu fil-kors tal-Kumpilazzjoni fuq ordni u fil-presenza tal-Qorti u fit-termini ta' l-artikolu 397(3) tal-Kap. 9 imma għal *fingerprints* oħrajn li hu jallega li ttiħdulu fil-kors ta' l-interrogazzjoni mill-Pulizija Esekuttiva qabel ma ttieħdu passi kontrih;

Illi fil-fatt però minn eżami akkurat ta' l-atti proċesswali minn imkien ma jirriżulta li ttieħdu xi *fingerprints* jew *footprints* minn fuq l-akkużat qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni kontrih. Inoltre anke jekk ittieħdu, u din il-Qorti mhux teskludi li setgħu ttieħdu dawn ma ntużawx bħala prova f'dawn il-proċeduri. Mhux hekk biss, iżda l-uniċi *fingerprints* li nġabu bħala prova hemm dawk li ttieħdu minn fuq l-imputat b'ordni tal-Qorti, quddiem l-istess Qorti u fit-termini ta' l-artikolu msemmi (ara

Dok. L2 a fol. 55A ta' l-atti tal-Kumpilazzjoni). Inoltre jista' jiżdied ukoll li fil-kors tal-Kumpilazzjoni anqas hemm aċċenn wieħed għall-*fingerprints* u *footprints* li setgħu ttieħdu fil-kors ta' l-interrogazzjoni li ppreċediet il-kumpilazzjoni. L-unika ħaġa li tissemma hu dak li l-istess appellant hu rrapportat li qal fl-*istatement* Dok. D a fol. 29 tal-proċess li mhux iffirmat minnu u ċjoè meta allegatament qal lill-Ispettur Psaila: "Inti qed tgħidli li fuq il-bieb tal-*garage* ta' Ħal-Qormi li urieni s-Surġent tiegħek illum instabu xi *fingerprints*. Jiena ngħidlek li ninsab ċert li ma humiex tiegħi għaliex jiena dak il-post qatt ma kont rajtu qabel, aħseb u ara missejtu b'idejja";

Ġaladarba għalhekk il-Qorti m'għandhiex quddiemha la l-prova li waqt l-interrogazzjoni ttieħdu xi *fingerprints* u lanqas ma għandha xi *fingerprints* jew marki oħra li ma awtorizzatx hi li jsiru jew jittieħdu l-eċċezzjoni ta' l-appellant u issa l-aggravju tiegħu taħt ebda aspett ma jista' jiġi kkunsidrat sostnut. Għal kull *buon fini* jiġi wkoll ippreċiżat li l-fatt li waħda mill-konsiderandi bażi ta' din il-konklużjoni hi li din il-Qorti m'għandhiex quddiemha l-prova li waqt l-interrogazzjoni ttieħdu xi *fingerprints* m'għandux ifisser li din il-Qorti qiegħda tfisser li kieku kellha din il-prova kienet tiddeċidi mod ieħor. Dan l-aspett jibqa' impreġudikat u f'dan l-istadju għandu jiġi ribadit biss li l-prova li l-istess appellant qed jibbaża kollox fuqha f'dan l-aggravju għad ma saritx u għalhekk apparti milli jaqa' l-aggravju tiegħu jkun kontro-indikat li din il-Qorti tikkonsidra x'kienet tkun il-posizzjoni legali kieku l-prova relattiva tirriżulta. Kwantu għall-argument l-ieħor ta' l-appellant u ċjoè li hu ma jistax jgħid liema użu sar mill-istess *fingerprints* l-istess din il-Qorti tgħid li dan hu argument li jista' jew ma jistax ikollu rilevanza biss wara li ssir il-prova msemmija. Sadanittant din il-Qorti sempliċement ma tistax tieħu konjizzjoni ta' dan l-ilment;

Din il-Qorti issa ser tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravju ta' l-*appellant fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tiegħu*;

Qabel xejn jiġi osservat *li l-appellant* kellu eċċezzjoni oħra li kienet tattakka l-legalità tal-perizji kollha li hemm riferenza għalihom fil-proċess kif ukoll id-dokumenti esibiti magħhom billi kien sostna li dawn il-perizji saru mingħajr id-debita awtorizzazzjoni u nomina tal-Maġistrat. Fil-fatt fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 1987 quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant irrinunzja għal din l-eċċezzjoni wara li fil-fatt irriżulta li l-perizji kollha kienu saru wara nomina tal-Qorti Istruttorja;

It-tieni eċċezzjoni għalhekk anke jekk kif jidher mit-trattazzjoni ta' l-appellant kien b'xi mod qed jikkonnettiha ma' l-ewwel *eċċezzjoni issa żgur trid tiġi kkunsidrata għaliha waħedha* anke għax in verità ma' l-ewwel eċċezzjoni ma kellha x'taqsam xejn;

Bit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-appellant qiegħed isostni li l-perizji kollha li hemm riferenza għalihom fil-proċess jikkostitwixxu perizji *ex parte* peress li l-persuni li għamlu l-istess perizji jinsabu fl-impjieg tal-Korp tal-Pulizija u konsegwentement m'għandhomx l-indipendenza meħtieġa biex ikunu periti tal-Qrati. Imqar jekk hemm moralment l-istess indipendenza u imparzjalità, sostna l-appellant, m'hemmx il-garanziji meħtieġa biex il-proċess tal-ġustizzja jkun qed isir b'mod imparzjali;

Minn eżami akkurat ta' l-aggravju ta' l-appell ta' l-appellant però l-argumenti u l-ilmenti kollha li ġab 'il quddiem l-appellant m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' din l-eċċezzjoni. *Infatti* fl-aggravju relattiv l-appellant ilmenta li ġiet injorata l-liġi li timponi li meta jinstabu traċċi ta' reat dan għandu jiġi infurmat bih il-

Maġistrat u jagħmel proċess verbal u li kemm-il darba jkun sabhom uffiċjal tal-Pulizija dan għandu jippreservahom u wara jinforma lill-Maġistrat. Bl-istess aggravju l-appellant sostna wkoll li fil-każ tiegħu ma kien hemm ebda intervent tal-Maġistrat fir-rigward tat-traċċi tar-reat;

Hu ovvju li dawn l-aggravji m'għandhomx x'jaqsmu xejn mat-tieni eċċezzjoni ta' l-appellant li ġiet deċiża mill-Ewwel Qorti. *Se mai* setgħu kellhom rilevanza għall-Ewwel eċċezzjoni li però tinsab rinunzjata. Dawn l-aggravji għalhekk mhux ser jiġu kkunsidrat;

Fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti però l-għaref difensur ta' l-appellant għamel sottomissjonijiet in sostenn ta' l-eċċezzjoni tiegħu u għalhekk din il-Qorti sejra tinvesti l-kwistjoni legali ssollevata b'din it-tieni eċċezzjoni tiegħu;

*In breve* s-sottomissjonijiet ta' l-appellant huma li *stante* li wħud mill-esperti nnominati mill-Qorti Istruttorja jappartjenu lill-Korp tal-Pulizija u *come tali* l-perizja tagħhom għandha titqies bħala perizja *ex parte*. L-appellant jissottometti li dawn l-esperti billi jifformaw parti mill-Korp tal-Pulizija ma jistgħux jitqiesu bħala verament indipendenti u l-posizzjoni għandha tkun li l-espert innominat m'għandu jappartjeni lil ħadd mill-partijiet fil-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li wieħed mill-akbar prinċipji salutari fis-sistema proċedurali penali tagħna hu li kull perizja għandha ssir bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tkun ammissibbli. Dan jgħodd kemm għal kawżi ċivili kif ukoll għal dak penali. Infatti

fis-sentenza tagħha *in re* G. Attard *vs* Michele Galea Vol. XL.I.621 il-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) stabbiliet li perizja "*ex parte*" ma tistax tiġi meħuda in konsiderazzjoni bħala perizja ġudizzjarja. L-istess fl-Appell Kriminali l-Pulizija *vs* Rev. Can. Vincenzo Saliba riportat fil-Koll. Vol. XLII.IV.1233, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) irribadiet li l-Qorti ma tistax toqgħod fuq perizja "*ex parte*";

*Issa jingħad mill-ewwel li kif spjegat minn* R. Starry Deans fil-Ktieb tiegħu "*My Own Lawyer*", "*The phrase 'ex parte' literally means "on behalf of", but it is always applied to a proceeding or application made in the absence of the other party or parties affected*" (p. 269). Fir-rigward ta' perizji dawn jitqiesu li jkunu "*ex parte*" meta jsiru fuq inkariku tal-parti. Fis-sistema tagħna perizja biex tkun ammissibbli trid tkun ġudizzjarja, trid tkun ġiet ordnata u awtorizzata mill-Qorti, il-perit jiġi maħtur mill-Qorti u jaħlef li jaqdi bil-ħaqq u *bis-sewwa d-dmirijiet tiegħu* fit-terminu' ta' l-artikolu 652 tal-Kap. 9. L-għażla tal-perit għalhekk hija rimessa lill-ġudikant li fl-għażla li jagħmel oltre l-arbitriju tiegħu għandu wkoll id-direzzjoni tal-liġi. Is-sub-artikolu 2 ta' l-artikolu 650 tal-Kap. 9 jistabilixxi li l-periti jiġu magħżulin mill-Qorti iżda jipprovdi wkoll li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, jista' jaħtar persuna waħda jew iżjed bħala periti uffiċjali sabiex jagħtu l-fehma tagħhom fuq ħwejjeġ li jridu ħila teknika speċjali u, meta dawn il-persuni għandhom jiġu maħtura, il-Qorti **għandha tagħżel minn fost dawk il-persuni,** iżda l-Qorti tista', meta l-periti uffiċjali jkunu impeduti milli jservu jew għal xi raġuni oħra speċjali li tingħad fid-digriet, taħtar perit ieħor jew periti oħra flimkien ma' dawk jew minflok dawk maħturin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

Issa s-sub-artikolu (3) ta' l-art. 397 tal-Kap. 9 jawtorizza l-Qorti Istruttorja li fuq talba tal-Pulizija tordna li l-imputat jiġi ffotografat, meqjus jew li jittieħdu l-isampi ta' subgħajh u s-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu jipprovdi li l-fotografiji, l-istampi tas-swaba' u l-qisien imsemmijin fis-sub-artikolu ta' qabel dan, jiġu meħuda skond ir-regolamenti li minn żmien għal ieħor jiġu magħmula mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja. Inforza ta' dan l-istess sub-artikolu permezz ta' l-Avviż legali 38 ta' l-1960 li ġab *in vigore* dawk li jissejħu r-Regolamenti ta' l-1960 dwar Stampi tas-Swaba', Fotografiji u Qisien ta' l-Imputat ġie stabbilit li meta, fuq talba tal-Pulizija, il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja jidhrilha xieraq li tordna li jittieħdu l-istampi tas-swaba', il-fotografiji jew il-qisien ta' xi imputat, dawk l-istampi tas-swaba', fotografiji jew qisien għandhom jittieħdu minn **membru tal-Pulizija Esekuttiva;**

Minn dak li ngħad s'issa għalhekk il-konklużjoni li tista' tasal għalih din il-Qorti hija li strettament għal dawk li huma *fingerprionts*, fotografiji u qisien ta' xi imputat il-Qorti Istruttorja m'għandhiex xelta tagħżilx bejn membru tal-Pulizija esekuttiva jew wieħed barrani. Infatti fit-termini ta' l-art. 397(3) u tar-Regolament (1) ta' l-art. 38 ta' l-1960 il-Qorti Istruttorja għandha fl-ewwel lok taħtar bħala espert membru tal-Pulizija Esekuttiva;

Dan mhux l-uniku każ fejn il-liġi tagħna tagħmel restrizzjoni fuq il-Qorti fl-għażla ta' l-espert. Taħt l-Ordinanza dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Xorb (ex – Kap. 54 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-1942). Kif spjegat fis-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenzi tagħha tas-17 ta' Novembru 1956 *in re* l-Pulizija vs Aristide Psaila, tat-2 ta' April, 1955 *in re* Il-Pulizija *vs* Salvatore Seychell, kien hemm disposizzjoni speċifika li tgħid li meta teħtieġ analiżi ta' l-oġġett

li *jkun* in *kwistjoni, il-Qorti tinnomina* preċiżament wieħed mill-analitiċi tad-dipartiment tas-Saħħa. Anzi l-liġi kienet tkompli tgħid li anki jekk l-analitiku jkun ġà għamel l-analiżi qabel il-proċediment, il-Qorti tista' wkoll tinnominah, biss l-analiżi għandha tkun ikkonfermata bil-ġurament. Din l-ordinanza llum ġiet sostitwita bl-Att XL ta' l-1972 li però bl-artikolu 56(2) prattikament żammet il-posizzjoni fuq spjegata immutata;

*Eżempju ieħor jista' jittieħed mill-ordinanza fuq l-Ispirti* (Kap. 64). Hi rrilevanti s-sentenza *in re.* Il-Pulizija *vs* Vincent Fava deċiża mill-imsemmija Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1960 fejn ġie rrilevat li dik il-liġi stess kienet tirrikjedi li analiżi tal-kampjun in kwistjoni għandha ssir b'ordni tal-Qorti mill-analitiku tal-Gvern;

Dana kollu ngħad għaliex hu evidenti li filwaqt li l-figura ta' l-espert *"ex parte"* hija *aliena fis-sistema tagħna, il-liġi tagħna* f'dawk li huma perizji tistrieħ fuq ir-responsabbilità tal-Qorti li tagħżel hi l-perit, liema għażla hija f'ċirkostanzi limitati kif ingħad fuq iżda dejjem tibqa' l-għażla tal-Qorti. Inolte hija imposta l-formalità tal-ġurament li jieħu l-perit kif ukoll li fuq kollox fuq il-konsiderazzjoni importanti li skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9 min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perswazzjoni tiegħu. Ma' dan jista' jiżdied ukoll li fit-terminu ta' l-artikolu 651(1) tal-Kap. 9 il-periti jistgħu jiġu rrikużati biss għal waħda mir-raġunijiet li għalihom jista' jiġi rrikużat Imħallef;

Toħroġ waħedha għalhekk d-differenza li l-istess liġi toħloq bejn l-periti maħtura taħt id-disposizzjonijiet imsemmija u dawk li komunement jissejħu periti *ex parte* u li altru milli jinħatru mill-Qorti bil-formalità preskritta jafu l-inkariku tagħhom

unikament lill-waħda mil-litiganti;

Fil-każ in diżamina minn eżami ta' l-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta li l-esperti kollha ġew innominati mill-Qorti u għalhekk kif sewwa spjegat l-Ewwel Qorti ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala periti *ex parte* għax kif ingħad dak li jikkaretterizza l-perit *ex parte* huwa li flok ikun innominat mill-Qorti jkun inkarigat mill-parti. Inoltre jirriżulta wkoll li l-esperti kollha ġew maħtura skond u fit-termini tal-liġi u li kollha ngħataw il-ġurament li jaqdu fedelment u onestament l-inkariku lilhom mogħti. Inoltre kif sewwa rrilevat l-Ewwel qorti, f'ebda ħin ma saret opposizzjoni għan-nomina tagħhom jew b'xi mod saret xi talba għar-rikusazzjoni tagħhom;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.